**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**6 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 63/2021**

**Moviment Graffitti**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Moviment Graffitti** ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-għaqda rikorrenti għandha l-għan u l-oġġettiv li tissalvagwardja l-ambjent u wirt natutali u kulturali, li tħares s-saħħa taċ-ċittadini, l-aċċess pubbliku għas-spazi miftuħa u bajjiet ħielsa u l-ħarsien tal-liġijiet, il-ġustizzja soċjali u l-governanza tajba fost l-oħrajn.*

*Illi l-għaqda esponenti kienet ppreżentat applikazzjoni bin-numru GLA9/2020/0039 għal "site at sea, Balluta Bay, St. Julian's" liema applikazzjoni tinkludi ukoll parti minn pjataforma tal-konkrit ma' xatt il-baħar.*

*Illi l-għaqda esponenti pprovdiet informazzjoni ulterjuri u kjarifiki kull meta ġiet mitluba tagħmel hekk mill-Awtorita' tal-Artijiet.*

*Illi minkejja dan l-Awtorita' intimita damet ħafna biex tikkomnika mal-għaqda esponenti u ma kienetx trasparenti fil-mod li mxiet magħha.*

*Illi l-għaqda esponenti rċievet deċiżjoni ta' rifjut jew ċaħda tal-applikazzjoni tagħha.*

*Illi r-raġuni mogħtija għal din id-deċiżjoni kienet li:*

*"The management of the foreshore and sea cannot be directly allocated to a non-governmental organisation"*

*Illi l-għaqda esponenti ħassitha aggravata minħabba din id-deċiżjoni u qed tinterponi dan l-umli appell u oġġezzjoni a tenur tal-Artiklu 57 tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-aggravji tal-għaqda esponenti huma s-segwenti:*

1. *Ir-raġuni ta' rifjut m'għandux bażi fil-liġi għax m'hemm l-ebda divjet għal għotja, trasferiment, konċessjoni tal-kosta tal-baħar jew il-baħar lil għaqda non-governattiva.*

2. *L-Awtorita' aġixxiet f'mod diskriminatorju fil-konfront tal-għaqda esponenti u ma segwitx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

3. *Id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet mhux raġjonevoli, hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u mhix proporzjonata.*

*Għaldaqstant l-għaqda esponenti umilment qed tinterponi danl-apell/oġġezzjoni u filwaqt li tagħmel referenza għad-dokumenti sottomessi mill-Awtorita' appellata u tirriserva d-dritt li tipproduċi xhieda u provi ulterjuri, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet u jagħti kull provvediment ieħor li jidhirlu xieraq."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fis-26 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

*Illi r-rikorrent appellant preżenta l-applikazzjoni bin-numru GLA9/2020/0039 għal- 'Site at sea accessed via triq Grenfell and Triq it-Torri, Il-Bajja ta' San Ġiljan'. Is-Sit jikkonsisti minn area konsiderevoli ta' baħar u kif ukoll parti mill-foreshore. L -appellanti speċifikaw li 'Moviment Graffitti has filed the current application in order to be entrusted with the <u>management of the site</u> at sea in Balluta', u saħansitra preżentat Management Plan sabiex tispjega l-intenzjoni wara l-istess talba.*
*Illi l-Awtorita' tal-Artijiet, iddeċidiet din it-talba billi irrifjutat l-istess, u dan minħabba li "The Management of the foreshore and sea cannot be directly allocated to a non-governmental organisation".*

*Illi l-esponenti ikkunsidrat l-applikazzjoni in kwistjoni wara li għamlet il-verifiċi neċessarji, inkluż billi talbet għal-aktar informazzjoni u kjarifiki mingħand l-applikant fejn u meta kien meħrieġ.*

*Illi d-deċiżjoni tal-esponenti hija waħda ċara, u fil-mori ta' dawn il-proċeduri ser tkompli tiġi spjegata b' mod dettaljat il-motivazzjoni li wasslet għad-deċiżjoni appellata. L-esponenti dejjem għaddiet kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-applikant, u saħansitra idderiġiet lill-istess waqt il-proċess tal-applikazzjoni. Oltre minn hekk, l-Awtorita' ma hijiex xi entita' Ġudizzjarja jew Kważi-Ġudizzjarja, iżda Awtorita' Amministrattiva.*

*Illi l-appellanti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-esponenti u għaldaqstant interponew dan l-umli appell;*

***<u>L-Ewwel Aggravju</u>***

*Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant isostni illi r-raġuni ta' rifjut m'għandux bażi fil-liġi għax ma hemm l-ebda divjet għal-għotja, trasferiment, konċessjoni tal-kosta tal-baħar jew il-baħar lil għaqda Non-Governattiva.*

*Illi madankollu it-talba tal-appellanti ma kinietx għal-għotja kwalunkwe (għotja, trasferiment jew konċessjoni) kif allegat mill-appellant, iżda għall-kiri ta' art, senjatament ta' area konsiderevoli ta' art (minn xtajta għal-oħra tal-bajja tal-Balluta). It-talba tal-appellanti fil-*

*fatt saret permezz ta' applikazzjoni speċifika, u iġifieri dik tat-tip GLA 9 [L-Applikazzjoni għall-kiri ta' art ai termini tal-artiklu 31(g) (E)], u għalhekk id-deċiżjoni tal-esponenti saret ai termini ta' dak l-istess artiklu.*

*Oltre minn dan, l-artikolu in kwistjoni jagħti diskrezzjoni lill-esponenti meta jgħid 'Art tal-Gvern tkun tista' tingħata b' kiri', u għalldaqstant ma hemm xejn illegali li l-esponenti eżerċitat id-diskrezzjoni mogħtijja lilha mill-leġislatur, u liema diskrezzjoni ġiet eżerċitata skont kif trid il-liġi. Dan kif ser jiġi ppruvat ukoll fil-mori ta' dan l-appell.*

*Għalhekk ma hemm xejn illegali fid-deċiżjoni tal-esponenti.*

***It-Tieni Aggravju***

*Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant isostni li l-esponenti aġixxiet b' mod diskriminatorju u ma segwitx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

*Illi f' dan ir-rigward issir referenza għad-deċiżjoni tal-**Qorti tal-Appell Inferjuri** (liema appell ġie intavolat wara deċiżjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal) fl-ismijiet **John Winfield vs l-Awtorita tal-Artijiet deċiża nhar it-30 t' April 2019**. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu issollevva illi huwa ma kienx il-foro kompetenti sabiex jiddeċidi materja ta' diskriminazzjoni. Il-Qorti tal-Appell iżda marret oltre minn hekk fejn irriteniet li 'hi tal-fehema li l-użu tal-kelma diskriminazzjoni hi barra minn lokha. Diskriminazzjoni sseħħ fejn persuna tiġi tratta b' mod differenti minn ħaddieħor minħabba ċerti karatteristiċi.' Illi għalhekk, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kien hemm istanzi fejn dan l-Onorabbli tribunal, u anke l-Qorti tal-Appell Inferjuri eżaminaw l-element ta' konsistenza, fid-deċiżjonijiet t' Awtorità pubblika. Il-Konsistenza hija 'a 'generally desirable' objective but not an absolute rule'[1], u dan filwaqt li n-nuqqas ta' konsistenza jista' jinstab biss wara eżami fir-rigward ta' każijiet li jkunu identiċi.*

*Illi oltre dan, kull każ jiġi ikkunsidrat fuq il-mertu tiegħu, u għalldaqstant skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-applikazzjoni u s-sit in kwistjoni, kif di fatti ġara fil-każ odjern. Każ, fejn ir-rikorrenti talbet il-kiri / management ta' parti kbira u konsiderevoli mill-bajja tal-Balluta. Kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri, l-Awtorita' ikkunsidrat in-natura tat-talba, inkluż l-area mitluba u l-użu propost, u dan b' konsistenza ma sitwazzjonijiet identiċi.*

***It-Tielet Aggravju***

*Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant isostni li d-deċiżjoni hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u mhix proporzjonata.*

*Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti ser tipprova illi l-konsiderazzjonijiet li għamlet kienu relevanti, inkluż b' mod partikolari l-fatt illi l-art mitluba mill-appellanti tagħmel parti mid-Demanju Pubbliku ai termini tar-Raba Skeda tal-Kodiċi Ċivili.*

*Illi l-esponenti ħadet għalhekk in konsiderazzjoni l-elementi kollha relattivi għall-applikazzjoni tal-appellanti, inkluża dik l-informazzjoni kollha provduta mill-istess appellanta, it-titolu mitlub, in-natura u l-kobor tal-art u l-użu suġġerit fost l-oħrajn. Din l-informazzjoni ġiet ukoll*

[1] Vide Lord Bingham; *R (O' Brien) v Independent Assessor* [2007] 2 AC 312.

*ikkunsidrata in vista tal-obbligi imposti mil-liġi fuq l-esponenti u senjatament illi tamministra l-Art tal-Gvern ta' Malta bl-aktar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tagħha.*

*Illi għalhekk, id-deċiżjoni kienet ukoll waħda proporzjonali.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet mressqa quddiemu mil-appellanti, u dan bl-ispejjeż interament għall istess appellanti."*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Moviment Graffitti (iktar 'il quddiem "il-Moviment") ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 11 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal *"use of site accessed via Triq Grenfell and Triq it-Torri, il-Bajja ta' San Ġiljan"* kienet ġiet rifjutata peress li *"the management of the foreshore and sea cannot be directly allocated to a non-governmental organisation."*

**Dr. Claire Bonello**, in rappreżentanza tal-Moviment, spjegat illi l-Moviment kien għamel applikazzjoni fuq żona fil-baħar fil-Bajja tal-Balluta/San Ġiljan u parti żgħira ta' pjattaforma tal-konkrit bil-għan li jiġġestixxi din iż-żona, inaddafha mit-tniġġiż, jipprovdi moniteraġġ tal-ambjent marittimu u kif ukoll attivitajiet ta' rikreazzjoni għall-komunita` u l-pubbliku. Tispjega li wara xi skambji ta' emejls mal-Awtorita` inħareġ ir-rifjut in kwistjoni b'raġuni li ma ssib ebda sostenn fil-liġi.

**Andre Callus**, membru u ko-ordinatur tal-Moviment, spjega li l-għan u l-oġġettiv tal-istess Moviment hu li jissalvagwardja l-ambjent u l-wirt naturali u kulturali, li jħares is-saħħa taċ-ċittadini, l-aċċess pubbliku għal spazji miftuħa u bajjiet ħielsa u l-ħarsien tal-liġijiet u l-governanza tajba. Jispjega li l-Moviment għamel l-applikazzjoni in kwistjoni sabiex ikun jista' jagħmel attivitajiet ta' *clean ups, underwater aquaria* u moniteraġġ tal-*flora* u *fauna* u anke attivitajiet għall-komunita`. Jispjega li l-Moviment kellu l-intenzjoni li jakkwista apparat bħal *sea bins* għall-użu fil-bajja u kellhom bżonn żona speċifika biex isibu min ikun jista' jisponsorja din l-attivita`.

**Noel Gauci,** *Manager* mal-Awtorita` intimata, spjega illi fil-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni in kwistjoni huwa kien ħejja żewġ rapporti għall-Kumitat li kkunsidra l-istess applikazzjoni. Ix-xhud esebixxa wkoll konċessjoni ta' *encroachment* li ngħatat lil terz biex jinstalla *pontoon* temporanju u struttura

temporanja fil-Bajja tal-Balluta għal sitt xhur fis-sena, liema konċessjoni tiġi biswit is-sit li għalih applika l-Moviment.[2]

**Peter Mamo**, *Senior Officer* mal-Awtorita` intimata, spjega illi huwa membru fuq il-Kumitat li analizza l-applikazzjoni in kwistjoni. Spjega li wara li evalwaw it-talba tal-Moviment, li effettivament kienet għall-immaniġġjar tal-bajja, dehrilhom li l-kontroll tal-istess bajja għandu jibqa' f'idejn il-Gvern. Spjega li l-bajja għandha diversi fatturi u attivita` ekonomika diġa' stabbiliti li ħassew li l-kontroll kellu jibqa' f'idejn il-Gvern. Jispjega li l-Kumitat ħa d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Mistoqsi jekk rax il-proposti tal-Moviment għal dak li kien qiegħed jitlob, ix-xhud wieġeb li le, pero` kompla jgħid illi anke kieku wieħed kellu jara l-istess dokumenti li ġew murija lilu waqt ix-xhieda tiegħu, xorta waħda m'hemmx biżżejjed informazzjoni x'kien se jsir u ma jsirx.

**Carmel Camilleri**, *Chief Officer* tal-*Estate Management Directorate* fi ħdan l-Awtorita` intimata, spjega illi huwa membru tal-Kumitat tad-*Disposals*, liema Kumitat għandu delega mill-Bord tal-Gvernaturi biex jiddiskuti u jiddeċiedi fuq it-talbiet li jidħlu fl-Awtorita` għal art tal-Gvern li l-valur tagħhom ma jaqbiżx l-€40,000. Jispjega li l-Awtorita` għandha d-dmir li tara li jsir l-aħjar użu mill-propjeta` tal-Gvern. F'dan il-każ, il-Kumitat ħass li ma jkunx fl-aħjar interess tal-Gvern li medda kbira ta' baħar tingħata lil organizzazjoni volontarja. Spjega wkoll illi meta l-Kumitat ikollu xi każ li jaħseb li aħjar iġib parir mingħand il-Bord tal-Gvernaturi, huwa jibgħat il-każ quddiem il-Bord. Fil-fatt f'dan il-każ hekk sar u l-Bord qabel mad-deċiżjoni tal-Kumitat. Huwa spjega li kien ra d-dokumenti kollha annessi mal-applikazzjoni inkluż il-*management plan*.

**Ikkunsidra:**

Illi in sostenn tal-appell imressaq minnu, il-Moviment iressaq tliet aggravji, u cioe`:

1. Ir-raġuni tar-rifjut m'għandhiex bażi legali;
2. L-Awtorita` aġixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu u ma segwietx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;
3. Id-deċiżjoni mhix raġjonevoli u hija msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti u mhix proporzjonata.

Illi mill-*case officer reports* esebiti a fol. 28 u a fol. 40 jirriżulta illi t-talba tal-Moviment ġiet eżaminata ai termini tal-artikolu 31(g)(E) tal-Att Dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), li fost affarijiet oħrajn jistipula li art tal-Gvern tista' tingħata

[2] Dokument esebit a fol. 120

**b'kiri** jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali. Illi minn qari tal-Istatut tal-Moviment esebit a fol. 49, l-għanijiet u l-oġġettivi tal-istess Moviment huma s-segwenti: *"Moviment Graffitti is active against the oppression and exploitation of people, the environment and animals, with a vision of freedom and radical democracy. Moviment Graffitti is a leftist movevent and is independent from any economic power or political party. However Moviment Graffitti can make alliances as it sees fit. A leader does not exist in Moviment Graffitti, and its members are all volunteers. Moviment Graffitti does not hold any objective to make any sort of profit."* Illi ma jirriżultax illi l-Awtorita` kellha xi oġġezzjoni li l-oġġettivi tal-Moviment jikkombaċaw mar-raġunijiet imsemmija f'artikolu 31(g)(E) tal-Kapitolu 573.

Illi jirriżulta wkoll illi l-Moviment ippreżenta lill-Awtorita` intimata "*sustainable management plan"* ta' kif kien beħsiebu jamministra ż-żona mitluba.[3] Ippreżenta wkoll illustrazzjoni tal-attivitajiet li kien beħsiebu jorganizza fl-istess żona.[4]

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jisma' lil Peter Mamo, membru li fforma parti mill-Kumitat li ddeċieda l-applikazzjoni tal-Moviment. Ir-raġuni mressqa mill-istess membru quddiem dan it-Tribunal għar-rifjut kienet illi l-Awtorita' xtaqet illi l-kontroll tal-bajja in kwistjoni jibqa' f'idejn il-Gvern għaliex hemm wisq fatturi u attivita` kummerċjali diġa` stabbilita. X'inhi din l-attivita` kummerċjali diġa' stabbilita` ma ġietx identifikata fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Li ġie stabbilit biss huwa li hemm konċessjoni ta' *encroachment* lil terz sabiex jinstalla struttura temporanja u jopera *pontoon* "*for the provision of services related to water sports and activities"* biswit iż-żona formanti parti l-applikazzjoni odjerna. Jirriżulta wkoll illi Peter Mamo ma kienx ra l-proposti sottomessi mill-Moviment mal-applikazzjoni tiegħu. Madanakollu, membru ieħor tal-Kumitat, u cioe` Carmel Camilleri, qal li kien ra d-dokumenti kollha annessi mal-applikazzjoni.

Illi t-Tribunal għalhekk se jgħaddi biex jeżamina jekk l-Awtorita` intimata kinitx ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha u dan abbażi ta' dak li rriżulta f'dawn il-proċeduri.

Illi jirriżulta illi r-raġuni mogħtija fid-deċiżjoni appellata hija s-segwenti, u cioe` "*the management of the foreshore and sea cannot be directly allocated to a non-governmental organisation."* Illi dak li t-Tribunal jifhem b'din id-deċiżjoni huwa li l-immaniġjar tax-xatt u l-baħar **ma jistgħux jiġu direttament allokati lil organizzazzjoni volontarja.** Din ir-raġuni hija għal kollox differenti minn dik li xehed dwarha Peter Mamo fix-xhieda li ta quddiem dan it-Tribunal. Din ir-

[3] A fol. 54 u 55
[4] A fol. 56 *et sequitur*

raġuni hija wkoll differenti minn dik li semma Carmel Camilleri fl-affidavit tiegħu. Illi jirriżulta illi din l-applikazzjoni ġiet diskussa wkoll fil-laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi tad-19 ta' Mejju 2021, fejn l-istess Bord iddeċieda li *"l-management tal-baħar u tal-fore shore għandu jkun ir-responsabilita` tal-Gvern jew ta' entitajiet governativi u ma jistax ikun allokat bl-ebda forma ta' titolu lil ħaddieħor. Għalhekk il-Bord mhux f'posizzjoni li jilqa' t-talba."*[5] Ir-raġunijiet mogħtija mill-Membri tal-Kumitat tad-*Disposals* u mill-Bord tal-Gvernaturi, u r-raġuni mniżżla fid-deċiżjoni li ntbagħtet lill-Moviment huma nettament differenti minn xulxin.

Dan it-Tribunal ma jafx jekk dan hux tort ta' *wording* infeliċi da parti tal-Awtorita` intimata fil-komunikazzjoni tagħha tad-deċiżjoni lill-Moviment. Pero` li hu żgur hu li bejn dak li ddeċieda l-Bord tal-Gvernaturi, dak li ġie diskuss fil-Kumitat, u dak li wasal bħala deċiżjoni għand il-Moviment hemm diskrepanza.

Illi għaldaqstant, wara li t-Tribunal eżamina d-diċitura ta' artikolu 31(g)(E) tal-Kapitolu 573, ma jsib li hemm l-ebda projbizzjoni li art tal-Gvern, u speċifikatament ix-xatt u l-baħar, tingħata b'kiri lil għaqda volontarja. Kwindi l-Moviment għandu raġun fir-rigward tal-ewwel aggravju tiegħu.

Illi permezz tat-tielet aggravju l-Moviment issottometta li d-deċiżjoni appellata mhix raġjonevoli u msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti u mhux proporzjonata.

Illi l-Awtorita` intimata rrispondiet għal dan l-aggravju billi sostniet illi l-kunsiderazzjonijiet li għamlet kienu rilevanti, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-art in kwistjoni tifforma parti mid-demanju pubbliku a tenur tar-Raba' Skeda tal-Kodiċi Ċivili. It-Tribunal jirrileva illi din ir-raġuni bl-ebda mod ma ssemmiet fix-xhieda la ta' Peter Mamo u lanqas ta' Carmel Camilleri u kwindi ma jirriżultax li dan kollu kien ikkunsidrat waqt li kienet qiegħda tiġi eżaminata l-applikazzjoni odjerna.

Illi bħala fatt, il-bajjiet u x-xtajtiet jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku u dan kif imfisser fi klawsola 4 tat-Titolu III tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Titolu V tal-imsemmija Skeda jirregola kif jistgħu jingħataw permessi amministrattivi fuq beni fid-demanju pubbliku. L-istess Titolu jaħseb fil-possibilita' li tali beni jingħataw lil organizzazzjonijiet volontarji reġistrati u fil-fatt il-*proviso* ta' klawsola 7 (3) jistipula: *"Iżda meta l-għotja mill-Gvern issir lil organizzazzjoni volontarja reġistrata li l-għanijiet tagħha jirriflettu l-istess prinċipji ta' din l-Iskeda fir-rigward tal-mod kif tiġi amministrata proprjetà fid-demanju pubbliku, il-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel jistgħu jiġu*

[5] Ara minuti tal-Bord a fol. 26

*modifikati jew rinunzjati."* Illi għaldaqstant ir-raġuni mogħtija mill-Awtorita` hija waħda legalment żbaljata għaliex ma huwiex minnu li l-bajjiet u x-xtut ma jistgħux jiġu allokati lil għaqda volontarja.

Illi dan it-Tribunal iqis ukoll li meta l-Kumitat ġie biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu, kien hemm nuqqas, għallinqas da parti ta' membru wieħed tiegħu, li kkonferma li ma rax il-proposti tal-Moviment sottomessi mal-applikazzjoni. It-Tribunal huwa tal-fehma illi b'dan in-nuqqas, mhux kull membru tal-Kumitat ta d-debita kunsiderazzjoni lill-applikazzjoni kif sottomessa. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal għandha ssir rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni u tal-proposti mressqa mill-Moviment, u jkun biss wara tali kunsiderazzjoni ħolistika li l-Awtorita` tkun f'pożizzjoni li tevalwa jekk l-applikazzjoni għandhiex tkun milqugħa jew miċħuda.

Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li l-Awtorita` naqset milli tagħmel il-kunsiderazzjonijiet kollha tagħha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Kwindi ikun opportun li l-applikazzjoni tal-Moviment terġa' tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, u cioe` li li l-Awtorita` aġixxiet b'mod diskriminatorju u ma ġewx segwiti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal jirrileva li dawn l-aggravji jistgħu biss jiġu sindikati mill-qrati ordinarji abbażi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` f'azzjoni appożita għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Dan hu konfortat minn artikolu 5 (2) tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva li jistipula illi *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili..."*. Di fatti l-lanjanzi msemmija f'dan l-aggravju kollha jaqgħu perfettament entro l-parametri tal-artikou 469A (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Finalment, it-Tribunal jirrileva illi f'dan l-istadju mhux ħa jidħol fil-mertu ta' jekk l-Awtorita` intimata hix ġustifikata jew le tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Moviment u dana sabiex ma jippreġudikax kwalunkwe deċiżjoni li għad trid tittieħed mill-Awtorita` intimata wara li tikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni odjerna.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jilqa' l-ewwel u t-tielet aggravju tal-appell tal-Moviment rikorrent, filwaqt li jiċħad it-

tieni aggravju u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata ħlief għal dawk relatati mat-tieni aggravju tal-Moviment rikorrent.

Spejjeż żewġ terzi a karigu tal-Awtorita` intimata u terz għall-Moviment rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**